# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 7**

**Avviz numru 882/01/SM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Kenneth Mallia Milanes**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 18 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' t'elef, seba' mija u tlieta u sebghin Liri Maltin u sitt centezmi (LM4,773.06,0), in kwantu ghal erba' t'elef, mitejn u sebghin Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmi (LM4,270.43,0), [Dok. "A'] dovuti bhala kapital u hames mija u zewg Liri**

**Maltin u tlieta u sittin centezmi (LM502.63,0) interessi mit-22 ta' Settembru 1999 sal-20 ta' Settembru 2001, fuq facilita' bankarja koncessa b'zewg kuntratti, wiehed datat 30 ta' Marzu 1994 in atti Nutar Mario Bugeja [Dok. "B"] u l-iehor datat 24 t'April 1997 in atti Nutar Pierre Cassar [Dok. "C"] fuq kont numru 013-088075 –340 gia 132232083;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 16 ta' Marzu 2000 [Dok. "D"] u 6 ta' Awissu 2001 [Dok. "E"], ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2000 [Dok. "F"] u bl-interessi skond il-ligi mill-21 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt biex jidher ghas-subizzjoni;**

**Rat il-nota tal-konvenut datata 30 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha ammetta t-talba fl-avviz;**

**Illi in vista tal-istess il-qorti tiddeciedi billi t-tilqa t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**